MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 308/1998/1

**Mid-Med Bank (Overseas) Limited u b'nota tal-24 ta' Novembru, 1999 gie dikjarat li b'effett mill-1 ta' Dicembru, 1999 isem il-Bank attur ser jinbidel ghal-HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Eurometal Company Limited u Fayed Ghaz**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn il-bank attur ippremetta:-

Illi l-bank attur ta facilitajiet bankarji permezz ta' kont kurrenti, lis-socjeta' estera Transina United Coroporation;

Illi l-konvenut Fayed Ghaz dahal garanti solidali mas-socjeta' msemmija Transina United Corporation lejn il-bank attur fis-somma komplessiva ta' sitt mija u ghoxrin elf dollaru amerikan (USD 620,000) (oltre imghaxijiet, banking charges u spejjez ohra) in forza ta' zewg garanziji datati wahda 28 ta' Awissu 1996 u l-ohra 21 ta'Lulju 1997. (Dokumenti A u B). U inoltre in forza tal-istess dokumenti ta' garanzija, obbliga ruhu bhala debitur principali tal-bank attur, ghal kull ammont li talvolta ma jkunx rekuperabli ghall-kwalsiasi raguni taht il-garanzija;

Illi inoltre s-socjeta' konvenuta Eurometal Company Limited ukoll dahlet garanti solidali mas-socjeta' Transina United Corporation, lejn il-bank attur ghall-ammont ta' mitejn elf, lira maltin (Lm200,000) (oltre imghaxijiet, banking charges , u spejjez ohra) in forza ta' garanzija datata 9 ta' Ottubru 1997 (Dokument C). U inoltre in forza ta'l-istess dokument ta' garanzija, obbligat ruhhu bhala debitur principali tal-bank attur, ghal kull ammont li talvolta ma jkunx rekuperabbli ghal-kwalsiasi raguni taht il-garanzija;

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar tad-9 ta' Ottubru 1997 (Dokument D) il-bank attur inkorpora diversi djun ga esistenti fil-kont ta' Transina United Corporation permezz ta' facilitajiet ta' overdraft fuq l-istess kont sas-somma ta' mitejn elf lira maltin (lm200,000). U bl-istess kuntratt is-socjeta' konvenuta Eurometal Company Limited tenniet il-garanzija soldali taghha mas-socjeta' Transina United Corporation, lejn il-bank attur ghall-ammont ta' mitejn elf lira maltin (Lm200,000) u ggarantiet l-obbligazzjoni taghha permezz ta' ipoteka generali favur il-bank attur;

Illi b'ittra datata 12 ta' Dicembru 1997, il-bank attur talab lis-socjeta' Transina United Corporation il-hlas shih u

immedjat tal-bilanc kollu tad-debitur dovut minnha oltre l-hlas ta’ l-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv;

Illi b’ittra datata 18 ta’ Dicembru 1994, il-bank attur talab lill-konvenut Fayed Ghaz bhala garanti solidali tas-socjeta’ Transina United Corporation taht l-imsemmija garanzija tat-28 ta’ Awissu 1996 u tal-21 ta’ Lulju 1997, biex ihallas lill-bank attur il-bilanc tad-debitu dovut mis-socjeta Transina United Corporation flimkien ma l-imghaxijiet relattivi sad-data tal-pagament effettiv;

Illi b’ittra datata 18 ta Dicembru 1997, il-bank attur talab lis-socjeta’ konvenuta Eurometal Company Limited, bhala garanti solidali tas-socjeta’ Transina United Corporation taht l-imsemmijin garanzija u kuntratt tad-9 ta’ Ottubru 1997 biex thallas llil-bank is-somma ta’ mitejn elf lira maltin (Lm200,00) fl-imkien ma l-imghaxijiet relattivi sad-data tal-pagament effettiv;

Illi d-debitu dovut fil-kont tas-socjeta’ estera Transina United Corporation lejn il-bank attur, u garantit solidalment mill-konvenuti kif fuq inghad, jammonta ghas-somma ta’ hames mija u sbatax-il elf, mija u disgha u sittin, punt decimali tlieta dollaru amerikan (USD517169.30), ekwivalenti ghal mitejn u tlett elef, mitejn u sebgha u erbghin lira u tlieta u hamsin centezmu (LM 203,247.53) bilanc dovut fit-22 ta’ Jannar 1998, oltre l-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta’ l-imsemmi bilanc sad-data tal-pagament effetiv;

U peress li l-kreditur tal-bank attur fis-somma ta’ mitejn u tlett elef, mitejn u sebgha u erbghin lira u tlieta u hamsin centezmu (Lm 203,247.53) kif fuq spejgat, huwa cert likwidu u esigibbli u sa fejn jaf il-Bank attur, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda difiza valida opponibbli f’din il-kawza kontra t-talba tieghu ghal-hlas ta’ dik is-somma;

Ghalhekk il-bank attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili ;u

2. Tikkundannhom soldiament flimkien ihallsu lill-bank attur is-somma ta' mitejn u tlett elef, mitejn u sebgha u erbghin lira u tlieta u hamsin centezmu (LM 203,247.53) ammont dovut minnhom kif fuq spejegat;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali konrta l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni u b'rizerva ta kull dritt ghall-bilanc akbar u ghall-imghaxijiet relattivi dovuti mid-debitur principali lill-Bank attur;

Rat id-dikjarazzjoni tal-bank attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhierda tieghu;

Rat in- nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :

1. Illi t-talbiet kif detotti fic-citazzjoni ghandhom jigu michuda u dana ghar-ragunijiet segwenti :-

a. Illi l-attur offshore bank u skond il-kapitolu 330 tal-Ligijiet ta' Malta ebda offshore bank ma jista' jinnegozja f'munita Maltija u ma residenti Maltin;

b. Illi l-credit facility inghatat lis-socjeta' offshore Transina Limited Corporation u mhux lill-konvenuti;

c. Illi l-attur ma setgha qatt skond il-Kap 330 jidhol f'kuntratt ma' persuni residenti Malta u f'munita Maltija kif ghamel fid-dokument A u B u C u D, esebit f'dawn l-atti;

d. Illi lanqas ma setgha l-attur fil-kuntratt esebit - Dok E - jistabilixxi, li l-istess kuntratt mhux suggett ghal-ligijiet ta' Malta kontra l-Mid-Med Bank Limited meta l-Mid-Med Bank Limited f'dawn il-proceduri u huwa entita' kompletament differenti minn l-attur;

e. Illi ghalhekk il-garnazija u l-kuntratt esibit f'dok A, B, C u D huma nulli u bla effett;

2. Illi lista tax-xhieda fil-paragrafu 3 tal-lista tax-xhieda ghandha tigi michuda stante li l-attur ma indikax il-persuni li ried itella bhala xhieda meta l-attur kien f'posizzjoni li setgha jaghmel dan;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermatabil-gurament u l-ista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ottubru 2001;

Ikkonsidrat :

Mill-kumpless tal-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk l-istess talbiet ghandhom jigu akkolti. Minn naha l-ohra l-konvenuti naqsu li jipproducu provi in sostenn ta' dak li gie minnhom allegat fin-nota ta' eccezzjonijiet u naqsu ukoll li jghamlu sottomissjonijiet ulterjuri dwar l-istess eccezzjonijiet u ghalhekk dawn ghandhom jigu respinti;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenuti solidalment bejntihom ihallsu lill-bank attur is-somma ta' mitejn u tlett elef, mitejn u sebgha u erbghin lira u tlieta u hamsin centezmu (Lm203,247.53) ghar-ragunijiet indikati fic-citazzzjoni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti in solidum bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------